MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 186/2014

**John Mifsud personalment u fil-kwalita' tieghu ta' rapprezentant ta' New Tower Palace Hotel, ghan-nom fl-interess u in rapprezentanza tal-istess New Tower Palace Hotel u martu Monica Mifsud**

**vs**

**Supreme Travel Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi s-Socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi *proprio et nomine* l-ammont ta' sebat elef u tmien Ewro u sitta u sittin centezmu (€7,008.66c) in kwantu ghas-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) skont ftehim li sar fl-1 ta' Dicembru, 2011 li permezz tieghu s-Socjeta' konvenuta ntrabtet li thallas lill-atturi *pro et noe* ghal servizzi bejn l-1 ta' Dicembru, 2011 u t-30 ta' Novembru, 2014 (Dok. A) u in kwantu ghas-somma ta' tlett elef u tmien Ewro u sitta u sittin centezmu (€3,008.66c) ghal akkomodazzjoni fin-New Tower Palace Hotel moghtija mill-attur lill-klijenti tas-Socjeta'

konvenuta kif mitlub mill-istess Socjeta’ konvenuta u liema ammont kumplessiv jidher fid-“Debtor Statement” mahrug lis-Socjeta’ konvenuta fl-14 ta’ Ottubru 2013 (Dok. B).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Lulju 2013 kontra s-Socjeta’ konvenuta li minn issa tibqa’ ingunta ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Socjeta’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi Supreme Travel Limited qed tikkontesta t-talba ta’ John Mifsud pro et noe ghas-segwenti ragunijiet: (i) primarjament jigi rilevat illi t-talba kif dedotta mhux intellegibbli. Bid-dovut rispett il-kitba tal-avviz promutur mhux legibbli u ghalhekk wisq anqas jista jigi decifrat ezattament x’inhu jintalab fl-avviz promutur. Ghalhekk ikun xieraq li tigi sottomessa traskrizzjoni datilografata tat-talba attrici bil-ghan li l-kumpanija intimata titqieghed f’posizzjoni li tifhem ezattament x’inhuma t-talbiet li qed jitressqu fil-konfront taghha u l-kawzali tal-istess. Ghal dan il-ghan l-kumpanija intimata qed tirriserva li tressaq dawk l-eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi meta tinghata kopja datilografata tat-talba attrici; (ii) ukoll jigi rilevat illi kif jirrizulta mill-avviz tas-smiegh jidher li John Mifsud qieghed jirraprezenta xi entita’ jew entitajiet (stante li hemm il-frazi “noe”) u ghalhekk huwa necessarju li jigi identifikat ezattament liema huma dawn l-entitajiet u tingieb il-prova tar-rapprezentanza gudizzjarja li biha huwa allegatament moghni John Mifsud; (iii) minghajr pregudizzju ghas-suespost kull talba li tista titressaq mir-rikorrenti fil-konfront tal-kumpannija intimata hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-kumpannija intimata ma ghandha taghti xejn lir-rikorrenti; (iv) ukoll minghajr pregudizzju jigi rilevat illi l-ftehim anness mal-avviz promutur u mmarkat bhala Dok. A ma huwiex iffirmat mill-persuna indikata bhala Nazzareno Abela fl-istess ftehim u ghalhekk kull talba li tista qed tigi msejsa fuq dana l-ftehim hija insostenibbli stante li l-ftehim ma jorbotx lill-kumpannija intimata; (v) b’riserva ghal kull eccezzjoni ulterjuri permessa mil-Ligi.

Ra n-nota tal-attur datata 23 ta’ April, 2014 li permezz taghha gie ridott l-ammont pretiz ghall-ammont ta’ tliet elef u tmien Ewro u sitta u sittin centezmu (€3,008.66c).

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju, 2014 li permezz tieghu l-attur iddikjara li gie mwettaq hlas akkont tal-ammont pretiz u dan fl-ammont ta’ elf sitt mija sitta u hamsin Ewro u zewg centezmi (€1,656.02c), u ghalhekk il-bilanc dovut jammonta ghal elf tliet mija tnejn u hamsin Ewro u erba’ centezmi (€1,352.04c).

Ra n-nota tal-attur, datata 26 ta’ Gunju, 2014, li permezz taghha gietipprezentata riproduzzjoni dattilografata tal-Avviz tat-Talba.

Semgha x-xhieda tal-attur, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnu.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara li hu nvolut fil-gestjoni tal-lukanda bl-isem New Tower Palace Hotel, u li l-ammont li qed jintalab permezz ta’ din l-azzjoni jittratta dwar prenotazzjonijiet illi saru minn impjegati fi hdan is-Socjeta’ konvenuta, sabiex klijenti esteri tas-Socjeta’ konvenuta – li hija agenzija tal-ivvjaggar – jigu pprovduti b’soggiorn f’din il-lukanda. Illi l-istess attur iddikjara illi l-ammont reklamat jirrelata dwar fatturi datati Settembru 2013 (a fol. 32 *et seq.* tal-atti), filwaqt illi dawk precedenti gew imhallsa mis-Socjeta’ konvenuta. Illi l-attur iddikjara illi hu ghandu r-rapprezentanza ta’ Socjeta’ bl-isem New Tower Palace Hotel Limited li dwarha pprezenta certifikat ta’ registrazzjoni fi hdan il-Malta Financial Services Authority (a fol. 22 tal-atti). Illi mistoqsi jekk l-ammont pretiz hux dovut lilu jew lil din is-Socjeta’ kummercjali, l-istess attur iddikjara illi l-hlas huwa dovut lilu, filwaqt illi l-kumpannija tipprovdi s-servizz. Iddikjara wkoll illi pagamenti li jigu mwettqa minn klijenti, meta dawn isiru permezz ta’ cheque, jigu indirizzati lil New Tower Palace Hotel, bhal ma effettivament gie mwettaq il-hlas mis-Socjeta’ konvenuta permezz ta’ cheque datat 31 ta’ Dicembru, 2013, fl-ammont ta’ elf sitt mija sitta u hamsin Ewro u zewg centezmi (€1,656.02c), li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 16 tal-atti. Illi dwar dan il-pagament l-attur iddikjara illi ghalkemm ic-cheque huwa datat 31 ta’ Dicembru, 2013, dan gie kkonsenjat lill-attur fit-2 ta’ Mejju, 2014, u ghalhekk wara li giet proposta din l-azzjoni.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm il-kontestazzjoni tas-Socjeta’ konvenuta tittratta dwar id-debitu *per se*, in kwantu s-Socjeta’ konvenuta fir-risposta taghha ddikjarat illi “ ... *l-kumpanija ‘ntimata ma ghandha taghti xejn lir-rikorrenti ...* “, madanakollu, l-kontestazzjoni principali tal-istess Socjeta’ konvenuta tittratta dwar il-mod kif giet proposta l-azzjoni, u aktar specifikament minn min din giet proposta. Illi tant huwa hekk illi s-Socjeta’ konvenuta, *da parti* taghha, ma

ressqet ebda provi dwar il-mertu tal-azzjoni, filwaqt illi saret enfasi waqt id-deposizzjoni tal-attur sabiex jikkjarifika u jelucida dwar il-kwalita' u kapacita' li fiha kien qed jipproponi din l-azzjoni. Illi l-attur iddikjara illi l-hlas huwa dovut lilu, in kwantu ghandu r-rapprezentanza tas-Socjeta' kummercjali in kwistjoni, filwaqt illi din tal-ahhar tipprovdi s-servizz.

Illi minn qari tal-okkju tal-kawza jirrizulta illi l-azzjoni giet proposta mill-attur f'ismu personali, kif ukoll ghan-nom ta' New Tower Palace Hotel, minghajr ma gie indikat illi din tal-ahhar hija Socjeta' kummercjali registrata mal-awtoritajiet kompetenti. Illi minkejja f'dan, l-attur ipprezenta certifikat ta' registrazzjoni ta' din l-istess Socjeta' kummercjali, li juri li ilha rregistrata mit-12 ta' Frar, 2001. Illi oltre dan, fl-istess okkju gie indikat ukoll isem il-mara tal-attur, u cioe' Monica Mifsud.

Illi huwa minnu illi l-mod kif giet proposta din l-azzjoni jista' johloq xi ftit tal-konfuzjoni, ghaliex filwaqt illi jidher illi s-servizz ta' soggjorn fil-lukanda jigi pprovdut mis-Socjeta' New Tower Palace Hotel Limited, din ma hix parti fil-kawza *di sento* izda in kwantu rapprezentata mill-attur. Illi madanakollu, din giet indikata fl-okkju bhala New Tower Palace Hotel kif rapprezentata mill-attur. Illi li tezisti relazzjoni kummercjali bejn is-Socjeta' New Tower Palace Hotel u dik konvenuta ma jidhirx illi huwa kkontestat, in kwantu il-*vouchers* li gew ipprezentati mill-attur u rilaxxjati mis-Socjeta' konvenuta (a fol. 27, 29, 31, 33, 35 u 37 tal-atti) lkoll jindikaw New Tower Palace, u anke c-cheque rilaxxjat mis-Socjeta' konvenuta a favur l-atturi (a fol. 16) huwa ndirizzat lil New Tower Palace Hotel. Illi fl-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma ssir ebda referenza ghall-fatt illi l-entita' lil min huma ndirizzati dawn id-dokumenti hija entita' kummercjali registrata, madanakollu, ma jidhirx illi qatt inqalghu jew irrizultaw xi diffikultajiet bejn il-partijiet kontendenti in rigward.

Illi l-kontestazzjoni tas-Socjeta' konvenuta hija fis-sens illi s-Socjeta' attrici New Tower Palace Hotel Limited ma hix parti f'din il-kawza, filwaqt illi l-istess attur naqas milli jressaq prova sabiex juri l-konnessjoni tieghu personali ma' din is-Socjeta' kummercjali. Illi ghalhekk il-konvenuta ssostni illi l-azzjoni kif proposta ma tistax tirnexxi, ghaliex ma rrizultax l-interess guridiku tal-attur li jipproponi din l-azzjoni f'ismu personali, filwaqt illi s-Socjeta' kummercjali ma hix parti fil-kawza, u ghalhekk it-talba ma tistax tigi akkolta a favur taghha.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-intestatura tal-okkju f'din il-kawza mhux wiehed felici, in kwantu jista' jkun hemm nuqqas ta' kjarezza dwar min qed jipproponi l-azzjoni, madanakollu, fil-fehma tat-Tribunal irrizulta sufficjenement car illi s-Socjeta' New Tower Palace Hotel Limited tezisti, u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' registrazzjoni, u li din hija parti f'din il-kawza. Illi tant huwa hekk illi l-fatturi, li in bazi taghhom giet proposta din l-azzjoni u li jikkostitwixxu l-mertu ta' din l-azzjoni, gew rilaxxjati minn din is-Socjeta' fil-konfront tas-Socjeta' konvenuta, u dan in bazi ta' *vouchers* mibghuta mill-istess Socjeta' konvenuta indirizzati lill-istess New Tower Palace. Illi tant is-Socjeta' konvenuta tirrikonoxxi l-ezistenza tas-Socjeta' New Tower Palace Hotel bhala entita' kummercjali illi l-pagament imwettaq minnha – relattiv ghall-fatturi li kienu jifformaw ukoll il-mertu ta' din il-kawza, u li ghalihom irrinunzjaw l-atturi meta rriducew it-talba taghhom wara li gie mwettaq il-hlas relattiv – huwa wkoll indirizzat lil New Tower Palace Hotel. Illi dwar kienx hemm il-htiega illi fl-okkju tal-kawza jigi ndikat ukoll l-attur b'ismu huwa diskutibbli, u ghalkemm ma ngabitx prova specifika mill-attur sabiex juri l-konnessjoni tieghu ma' din is-Socjeta', u li possibilment anke ghandu r-rapprezentanza tas-Socjeta' kummercjali in kwistjoni, madanakollu, u ghall-finijiet ta' trattazzjoni dwar il-mertu ta' din l-azzjoni – li l-bazi taghha huma d-diversi fatturi li jinsabu in atti – it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba ghall-hlas tal-kreditu spettanti lill-atturi rrizultat sodisfacentement ippruvata.

Illi t-Tribunal jerga' jippuntwalizza illi ma ghandux ikun hemm dubju, (i) illi tezisti relazzjoni kummercjali bejn New Tower Palace Hotel [Limited] u s-Socjeta' konvenuta, (ii) illi tali entita' kummercjali hija rikonoxxuta wkoll mis-Socjeta' konvenuta u bl-istess intestatura, tant illi wettqet hlas lil New Tower Palace Hotel fil-mori ta' dawn il-proceduri, u (iii) li din l-entita' kummercjali hija parti f'din l-azzjoni, ghalkemm possibilment ma gietx indikata bi precizjoni; illi ghalhekk, u anke in bazi ta' ekwita', it-talba tal-atturi qed tigi akkolta, stante li rrizulta sodisafacentement ippruvat illi l-kreditu rizultanti minn fatturi Dok. X2 (a fol. 32), X3 (a fol. 34) u Dok. X4 (a fol. 36) ammontanti ghal elf mitejn sitta u hamsin Ewro (€1,256.00), huwa effettivament dovut mis-Socjeta' konvenuta lill-atturi.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tal-atturi, u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn sitta u hamsin Ewro (€1,256.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------